E/0037/2002/I/0804	N/A	Raba' Ta' Macca, Mellieħa, Malta	Processing of agricultural land scheme application – deceased applicant
E/0037/2002/II/0489	N/A	Raba' Il-Ġdida, Mellieħa, Malta	Processing of agricultural land scheme application – deceased applicant

Nru. 381

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIS-SIĠĠIEWI

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija fis-Siġġiewi, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 381

NUMBERING OF DOORS AT IS-SIĠĠIEWI

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at Is-Siġġiewi, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*
IS-SIĠĠIEWI

TRIQ ĠORĠ AGIUS

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq id-Demnuq

Left side entering from Triq id-Demnuq

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq id-Demnuq

Right side entering from Triq id-Demnuq

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb bla numru	2
Rosana, Mais 2	4
Opal Court	6
New Leaf	8
September Love	10
Coral Court	12
Daħla għall-garaxxijiet	14

L-10 ta' Marzu, 2026

10th March, 2026

Nru. 382

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAŻ-ŻEBBUĠ(M)

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 265 tad-19 ta' Frar, 2021, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħaż-Żebbuġ', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 382

NUMBERING OF DOORS AT ĦAŻ-ŻEBBUĠ(M)

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 265 dated 19th February, 2021, under the title 'Numbering of doors at Ħaż-Żebbuġ', the following amendments in **bold** should be made.

ĦAŻ-ŻEBBUĠ(M)

2. TRIQ MIKIELANĠ SAPIANO

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq l-Imdina

Left side entering from Triq l-Imdina

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Redentur (Garaxx)	55
Il-Madonna tal-Kunċizzjoni	57
Pen 2 Paper (Ħanut)	59

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq l-Imdina

Right side entering from Triq l-Imdina

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
55, **El's Beauty Bar (Ħanut)**	55		
57, Sycamore (Flettijiet)	**57**		
1	**57A**		
Daħla għall-garaxxijiet	**57B**		
59, **Di Giorno** (Ħanut)	59		

L-10 ta' Marzu, 2026

10th March, 2026

Nru. 383

No. 383

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FL-IMĠARR

Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1269 tat-12 ta' Diċembru, 2014, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fl-Imġarr', għandu jsir dan il-prolungament kif indikat b'tipi **grassi**.

NUMBERING OF DOORS AT L-IMĠARR

Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 1269 dated 12th December, 2014, under the title 'Renumbering of doors at L-Imġarr', the following prolongation in **bold** should be made.

L-IMĠARR

1. TRIQ BARBARA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Dun Edgar

Left side entering from Triq Dun Edgar

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Dun Edgar

Right side entering from Triq Dun Edgar

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
73, **Jean Jas**	73		
	għandhom jiżdiedu *should be added*		
Sit bla bini	**75**		
Sit bla bini	**77**		
Zepmariel (Flettijiet)	**79**		
Bieb bla numru	**81**		
Garaxx	**83**		
White Pearl	**85**		
Garaxx	**87**		
Sit bla bini	**89**		
Sit bla bini	**91**		
Sit bla bini	**93**		
Sit bla bini	**95**		
Santa Marija	**97**		
Mayflower	**99**		
Mġarr Court, Block B	**101**		
Bieb bla numru	**103**		

L-10 ta' Marzu, 2026

10th March, 2026

Nru. 384

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
10.3.2026	€140.982	€2.277

L-10 ta' Marzu, 2026

No. 384

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

10th March, 2026

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 53

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħad-Dingli

Nhar is-Sibt, 28 ta' Marzu, 2026, mill-5.00 p.m. sat-8.00 p.m., minn Misraħ Frenċ Abela, Triq Ċensa Spiteri, Triq il-Parroċċa, Triq il-31 ta' Diċembru 1678, Triq ix-Xefaq, Triq Dun Karm Azzopardi u Triq il-Kbira.

Rotot numri 52, 56, 181 u 206 tat-trasport pubbliku se jkunu affettwati.

Il-Gżira

Nhar il-Ħadd, 5 ta' April, 2026, mit-8.00 a.m. san-12.30 p.m., minn Triq Manoel De Vilhena mix-xatt sal-knisja.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-10 ta' Marzu, 2026

POLICE NOTICE

No. 53

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Ħad-Dingli

On Saturday, 28th March, 2026, from 5.00 p.m. to 8.00 p.m., through Misraħ Frenċ Abela, Triq Ċensa Spiteri, Triq il-Parroċċa, Triq il-31 ta' Diċembru 1678, Triq ix-Xefaq, Triq Dun Karm Azzopardi and Triq il-Kbira.

Public transport route numbers 52, 56, 181 and 201 will be affected.

Gżira

On Sunday, 5th April, 2026, from 8.00 a.m. to 12.30 p.m., through Triq Manoel De Vilhena from the shore to the church.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

10th March, 2026

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 54

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

L-Isla

Nhar il-Erbgħa, 11 ta' Marzu, 2026, mis-6.00 a.m. sas-2.00 p.m., minn Xatt Juan B. Azzopardo.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat;

Nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Marzu, 2026, minn nofsinhar sal-10.00 p.m., minn Pjazza Benedittu XV, Triq l-Arċisqof Mattei, Triq il-Ħabs l-Antik, Triq iż-Żewġ Mini, Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Vitorja, Triq San Pietru u San Pawl u Pjazza Ġorġ Mitrovich.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat mill-5.00 p.m. sat-8.30 p.m.

Paola

Nhar is-Sibt, 14 ta' Marzu, 2026, mit-3.00 p.m. sad-9.30 p.m., minn Pjazza Antoine De Paule, Triq Ħal Saflieni, Triq iċ-Ċimiterju, Triq Melita, Triq il-Palma, Triq Sant'Ubaldeska, Triq Ninu Cremona u Triq l-Arkata.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

It-trasport pubbliku mhux se jkun devjat.

In-Nadur

Nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Marzu, 2026, mit-3.30 p.m. sat-8.00 p.m., minn Triq Ta' Said, Triq San Ġwann, Triq San Ġakbu, Triq il-Buskett u Triq il-Qala;

Nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu, 2026, mit-3.30 p.m. sat-8.00 p.m., minn Triq Ġużè Ellul Mercer kantuniera ma' Triq Daħlet Qorrot, Triq il-Qiegħa, Triq San Blas, Triq il-Kav. Ġużè Camilleri, Triq il-Qala, Triq San Ġwann, Triq Ċimċem, Triq it-Tlettax ta' Diċembru u Pjazza San Pietru u San Pawl;

Nhar il-Ħadd, 29 ta' Marzu, 2026, mis-7.30 a.m. sal-10.45 a.m., minn Triq il-Knisja u Pjazza San Pietru u San Pawl;

POLICE NOTICE

No. 54

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Senglea

On Wednesday, 11th March, 2026, from 6.00 a.m. to 2.00 p.m., through Xatt Juan B. Azzopardo.

Public transport will not be affected;

On Friday, 13th March, 2026, from noon to 10.00 p.m., through Pjazza Benedittu XV, Triq l-Arċisqof Mattei, Triq il-Ħabs l-Antik, Triq iż-Żewġ Mini, Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Vitorja, Triq San Pietru u San Pawl and Pjazza Ġorġ Mitrovich.

Public transport will be affected from 5.00 p.m. to 8.30 p.m.

Paola

On Saturday, 14th March, 2026, from 3.00 p.m. to 9.30 p.m., through Pjazza Antoine De Paule, Triq Ħal Saflieni, Triq iċ-Ċimiterju, Triq Melita, Triq il-Palma, Triq Sant'Ubaldeska, Triq Ninu Cremona and Triq l-Arkata.

Public transport will be affected.

Public transport will not be diverted.

Nadur

On Friday, 20th March, 2026, from 3.30 p.m. to 8.00 p.m., through Triq Ta' Said, Triq San Ġwann, Triq San Ġakbu, Triq il-Buskett and Triq il-Qala;

On Friday, 27th March, 2026, from 3.30 p.m. to 8.00 p.m., through Triq Ġużè Ellul Mercer corner with Triq Daħlet Qorrot, Triq il-Qiegħa, Triq San Blas, Triq il-Kav. Ġużè Camilleri, Triq il-Qala, Triq San Ġwann, Triq Ċimċem, Triq it-Tlettax ta' Diċembru and Pjazza San Pietru u San Pawl;

On Sunday, 29th March, 2026, from 7.30 a.m. to 10.45 a.m., through Triq il-Knisja and Pjazza San Pietru u San Pawl;

Nhar il-Ġimgħa, 3 ta' April, 2026, mill-4.00 p.m. sal-10.30 p.m., minn Pjazza San Pietru u San Pawl, Triq Dun Bernard Haber, Triq il-Kappillan, Triq Rakela Camilleri, Triq Xandriku, Triq San Ġwann, Triq Ta' Grunju, Triq Dun Grezz Buttigieg, Triq Xjuf ir-Riħ, Triq San Ġwann u Triq it-Tlettax ta' Diċembru;

Nhar il-Ħadd, 5 ta' April, 2026, mis-7.15 a.m. sa nofsinhar, minn Pjazza San Pietru u San Pawl, Triq Dun Bernard Haber, Triq il-Kappillan, Triq Rakela Camilleri, Triq Xandriku, Triq San Ġwann u Triq it-Tlettax ta' Diċembru.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Ħal Qormi

Nhar is-Sibt, 21 ta' Marzu, 2026, mit-3.00 p.m. sat-8.00 p.m., minn Triq San Bastjan minn kantuniera ma' Triq is-Sienja sa kantuniera ma' Triq il-Vitorja, Triq San Bartilmew minn ħdejn l-istatwa ta' San Bastjan sa kantuniera ma' Triq San Benedittu, Triq San Benedittu, Triq San Ġużepp, Triq il-Kunċizzjoni u Triq Correa minn kantuniera ma' Triq il-Kbira sa kantuniera ma' Triq Spiteri Fremond.

Mill-5.00 p.m. sat-8.00 p.m., Triq il-Kbira se tingħalaq u t-traffiku se jkun devjat lejn Triq Correa u Triq Pawlu Farrugia se tingħalaq u t-traffiku se jkun devjat lejn Triq il-Wied;

Mill-5.30 p.m. sas-7.30 p.m., traffiku ġej minn Triq il-Kbira se jkun devjat lejn Triq Correa u traffiku ġej minn Triq Pawlu Farrugia se jkun devjat jew lejn Triq Amleto Spiteri jew Triq il-Wied.

Hemm bżonn ta' clearance fi Triq il-Knisja Arċipretali fil-ġenb tal-knisja ż-żgħira mid-9.00 a.m. sad-9.00 p.m u fi Triq San Bastjan minn Triq is-Sienja sa Triq San Bartilmew, Triq San Bartilmew minn ħdejn l-istatwa ta' San Bastjan sa Triq San Benedittu, Triq San Benedittu minn Triq San Bartilmew sa Triq San Ġużepp, Triq San Ġużepp minn Triq San Benedittu sa Triq il-Kunċizzjoni u Triq il-Kunċizzjoni minn Triq San Ġużepp sa Triq il-Kbira mis-2.00 p.m. sat-8.00 p.m.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Il-Mosta

Nhar il-Ħamis, 26 ta' Marzu, 2026, mill-4.30 p.m. sas-7.30 p.m., minn ħdejn il-kappella ta' Santa Margerita fi Triq l-Għadajjar, Triq id-Dura, Triq Santu Rokku, Triq il-Battaljun, Triq ir-Rumani, Triq l-Imsaqqfin, Triq il-Feniċi u ħdejn il-kappella ta' Ġesù Feddej in Triq il-Midbaħ.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Il-Belt Valletta

Nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu, 2026, mis-2.00 p.m. sal-10.00 p.m., u nhar il-Ġimgħa, 3 ta' April, 2026, mis-2.00

On Friday, 3rd April, 2026, from 4.00 p.m. to 10.30 p.m., through Pjazza San Pietru u San Pawl, Triq Dun Bernard Haber, Triq il-Kappillan, Triq Rakela Camilleri, Triq Xandriku, Triq San Ġwann, Triq Ta' Grunju, Triq Dun Grezz Buttigieg, Triq Xjuf ir-Riħ, Triq San Ġwann and Triq it-Tlettax ta' Diċembru;

On Sunday, 5th April, 2026, from 7.15 a.m. to noon, through Pjazza San Pietru u San Pawl, Triq Dun Bernard Haber, Triq il-Kappillan, Triq Rakela Camilleri, Triq Xandriku, Triq San Ġwann and Triq it-Tlettax ta' Diċembru.

Public transport may be affected.

Ħal Qormi

On Saturday, 21st March, 2026, from 3.00 p.m. to 8.00 p.m., through Triq San Bastjan from corner with Triq is-Sienja to corner with Triq il-Vitorja, Triq San Bartilmew from near Saint Sebastian's statue to corner with Triq San Benedittu, Triq San Benedittu, Triq San Ġużepp, Triq il-Kunċizzjoni and Triq Correa from corner with Triq il-Kbira to corner with Triq Spiteri Fremond.

From 5.00 p.m. to 8.00 p.m., Triq il-Kbira will be closed and traffic will be diverted to Triq Correa and Triq Pawlu Farrugia will be closed and traffic will be diverted to Triq il-Wied.

From 5.30 p.m. to 7.30 p.m., traffic coming from Triq il-Kbira will be diverted to Triq Correa and traffic coming from Triq Pawlu Farrugia will be either diverted to Triq Amleto Spiteri or Triq il-Wied.

Clearance is required in Triq il-Knisja Arċipretali on the side of the small church from 9.00 a.m. to 9.00 p.m. and in Triq San Bastjan from Triq is-Sienja to Triq San Bartilmew, Triq San Bartilmew from near Saint Sebastian's statue to Triq San Benedittu, Triq San Benedittu from Triq San Bartilmew to Triq San Ġużepp, Triq San Ġużepp from Triq San Benedittu to Triq il-Kunċizzjoni and Triq il-Kunċizzjoni from Triq San Ġużepp to Triq il-Kbira from 2.00 p.m. to 8.00 p.m.

Public transport will be affected.

Mosta

On Thursday, 26th March, 2026, from 4.30 p.m. to 7.30 p.m., through near Saint Margaret's chapel in Triq l-Għadajjar, Triq id-Dura, Triq Santu Rokku, Triq il-Battaljun, Triq ir-Rumani, Triq l-Imsaqqfin, Triq il-Feniċi and near Ġesù Feddej's chapel in Triq il-Midbaħ.

Public transport will be affected.

Valletta

On Friday, 27th March, 2026, from 2.00 p.m. to 10.00 p.m., and on Friday, 3rd April, 2026, from 2.00 p.m. to 10.00

p.m. sal-10.00 p.m., minn Triq Sant'Orsla minn Triq San Ġwann sa Triq San Kristofru, Triq San Kristofru minn Triq Sant'Orsla sa Triq il-Merkanti, Triq il-Merkanti minn Triq San Kristofru sa Triq Melita, Triq Melita minn Triq il-Merkanti sa Triq San Pawl, Triq San Pawl minn Triq Melita sa Triq tat-Teatru l-Antik u Triq San Ġwann minn Triq San Pawl sa Triq Sant'Orsla.

Triq San Pawl se tkun magħluqa għal xi ħin.

It-trasport pubbliku (Valletta circular bus) se jkun affettwat;

Nhar il-Ħadd, 29 ta' Marzu, 2026, mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m., minn Triq il-Merkanti minn Triq San Nikola sa Triq l-Isptar l-Antik.

It-trasport pubbliku (Valletta circular bus) se jkun affettwat.

Il-Furjana

Nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu, 2026, mill-4.00 p.m. sad-9.00 p.m., minn Pjazza San Publiju minn Triq Sarria sa Triq San Publiju, il-Ġnien tal-Mall, Triq il-Mall minn Triq il-Konservatorju sa Triq Vincenzo Dimech, Triq il-Konservatorju minn Triq l-Iljun sa Triq il-Mall, Triq l-Iljun minn Triq l-Argotti sa Triq il-Konservatorju, Triq l-Argotti minn Triq il-Mall sa Triq l-Iljun, Triq Sarria kantuniera ma' Pjazza Emanuel S. Tonna, Triq Sant'Anna kantuniera ma' Pjazza Emanuel S. Tonna, Triq San Tumas minn Triq Sarrija sa Triq San Franġisk, Triq San Franġisk minn Pjazza Robert Sammut sa Triq il-Miratur, Triq il-Miratur minn Triq San Franġisk sa Triq San Publiju, Triq San Publiju minn Triq il-Miratur sa Pjazza San Publiju u Pjazza San Publiju minn Triq San Publiju sa Triq Sarria.

Triq Sant'Anna se tkun magħluqa għal xi ħin.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Il-Birgu

Nhar il-Erbgħa, 18 ta' Marzu, 2026, mill-5.30 p.m. sat-8.30 p.m., minn Triq Fuq Tal-Ħawli u Triq Joseph Mary Genuis.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat mill-5.30 p.m sat-8.30 p.m.

It-trasport pubbliku mhux se jkun devjat.

Il-Fontana

Nhar il-Erbgħa, 1 ta' April, 2026, mill-4.30 p.m. sat-8.30 p.m., minn Triq Tal-Għajn, Triq Dun Anton Tabone mill-knisja ta' Pompej, Triq Santa Dminka u Triq l-Isptar San Ġiljan.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

p.m., through Triq Sant'Orsla from Triq San Ġwann to Triq San Kristofru, Triq San Kristofru from Triq Sant'Orsla to Triq il-Merkanti, Triq il-Merkanti from Triq San Kristofru to Triq Melita, Triq Melita from Triq il-Merkanti to Triq San Pawl, Triq San Pawl from Triq Melita to Triq tat-Teatru l-Antik and Triq San Ġwann from Triq San Pawl to Triq Sant'Orsla.

Triq San Pawl will be closed for some time.

Public transport (Valletta circular bus) will be affected;

On Sunday, 29th March, 2026, from 8.00 a.m. to 1.00 p.m., through Triq il-Merkanti from Triq San Nikola to Triq l-Isptar l-Antik.

Public transport (Valletta circular bus) will be affected.

Floriana

On Friday, 27th March, 2026, from 4.00 p.m. to 9.00 p.m, through Pjazza San Publiju from Triq Sarria to Triq San Publiju, the Mall Garden, Triq il-Mall from Triq il-Konservatorju to Triq Vincenzo Dimech, Triq il-Konservatorju from Triq l-Iljun to Triq il-Mall, Triq l-Iljun from Triq l-Argotti to Triq il-Konservatorju, Triq l-Argotti from Triq il-Mall to Triq l-Iljun, Triq Sarria corner with Pjazza Emanuel S. Tonna, Triq Sant'Anna corner with Pjazza Emanuel S. Tonna, Triq San Tumas from Triq Sarrija to Triq San Franġisk, Triq San Franġisk from Pjazza Robert Sammut to Triq il-Miratur, Triq il-Miratur from Triq San Franġisk to Triq San Publiju, Triq San Publiju from Triq il-Miratur to Pjazza San Publiju and Pjazza San Publiju from Triq San Publiju to Triq Sarria.

Triq Sant'Anna will be closed for some time.

Public transport will be affected.

Vittoriosa

On Wednesday, 18th March, 2026, from 5.30 p.m. to 8.30 p.m., through Triq Fuq Tal-Ħawli and Triq Joseph Mary Genuis.

Public transport will be affected from 5.30 p.m. to 8.30 p.m.

Public transport will not be diverted.

Fontana

On Wednesday, 1st April, 2026, from 4.30 p.m. to 8.30 p.m., through Triq Tal-Għajn, Triq Dun Anton Tabone from Pompei's church, Triq Santa Dminka and Triq l-Isptar San Ġiljan.

Public transport may be affected.

Għajnsielem

Mis-1.00 a.m. tal-Erbgħa, l-1 ta' April, 2026 sas-1.00 a.m. tal-Ħadd, 12 ta' April, 2026, minn Triq ix-Xatt.

Ix-Xagħra, Għawdex

Nhar il-Ħadd, 5 ta' April, 2026, mit-3.00 p.m. sat-8.30 p.m., minn Triq Marija Bambina, Vjal 8 ta' Settembru, Pjazza l-Vittorja, Triq l-Arċipriet Ġużepp Diacono, Triq Ġużeppi Galea Rapa, Triq it-Tiġrija, Triq l-Ispiera, Triq Ta' Bullara u Triq il-Knisja.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

L-Imġarr, Malta

Nhar il-Ħadd, 7 ta' Ġunju, 2026, mill-5.30 p.m. sas-7.30 p.m., minn ħdejn il-knisja, Triq il-Kurat Chetcuti, Triq Mons. Orazju Vella, Triq Vitale, Triq San Pawl, Triq Santa Marija u Triq Fisher.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-10 ta' Marzu, 2026

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 55

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

L-Imtarfa

Nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu, 2026, mis-6.45 p.m. sas-7.30 p.m., minn Triq it-Torri tal-Arloġġ, Triq Sir Leslie Rundle, Triq San David u Triq ir-Reġimenti Maltin.

It-trasport pubbliku mhux se jkun devjat.

Ħal Lija

Nhar il-Ħadd, 29 ta' Marzu, 2026, mit-8.30 a.m. sal-10.00 a.m., minn Triq Sir Ugo Mifsud, Triq is-Salvatur, Triq Merino, Triq San Alwiġi Gonzaga, Triq Preziosi u Triq il-Forn.

It-trasport pubbliku mhux se jkun devjat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-10 ta' Marzu, 2026

Għajnsielem

From 1.00 a.m. of Wednesday, 1st April, 2026 to 1.00 a.m. of Sunday, 12th April, 2026, through Triq ix-Xatt.

Xagħra, Gozo

On Sunday, 5th April, 2026, from 3.00 p.m. to 8.30 p.m., through Triq Marija Bambina, Vjal 8 ta' Settembru, Pjazza l-Vittorja, Triq l-Arċipriet Ġużepp Diacono, Triq Ġużeppi Galea Rapa, Triq it-Tiġrija, Triq l-Ispiera, Triq Ta' Bullara and Triq il-Knisja.

Public transport may be affected.

Mġarr, Malta

On Sunday, 7th June, 2026, from 5.30 p.m. to 7.30 p.m., through near the church, Triq il-Kurat Chetcuti, Triq Mons. Orazju Vella, Triq Vitale, Triq San Pawl, Triq Santa Marija and Triq Fisher.

Public transport will be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

10th March, 2026

POLICE NOTICE

No. 55

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Mtarfa

On Friday, 27th March, 2026, from 6.45 p.m. to 7.30 p.m., through Triq it-Torri tal-Arloġġ, Triq Sir Leslie Rundle, Triq San David and Triq ir-Reġimenti Maltin.

Public transport will not be diverted.

Ħal Lija

On Sunday, 29th March, 2026, from 8.30 a.m. to 10.00 a.m., through Triq Sir Ugo Mifsud, Triq is-Salvatur, Triq Merino, Triq San Alwiġi Gonzaga, Triq Preziosi and Triq il-Forn.

Public transport will not be diverted.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

10th March, 2026

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 29 tal-2026

Malta Young Sailors Club – National Regatta Championship, il-Bajja ta' San Pawl – 2026

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinforma lill-baħħara li l-Malta Young Sailors Club se jorganizza National Regatta Championship fil-Bajja ta' San Pawl, bejn is-Sibt, 14 u l-Ħadd, 15 ta' Marzu, 2026.

L-attività se ssir fil-Bajja ta' San Pawl u l-approċċi tagħha, fiż-żona delimitata mil-linji immaginattivi li jgħaqqdu l-punti A, B, C, D, E, F, G, H, I, J, K, L, M, N, O, P, Q u R, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Għandhom jitqiegħdu bagi li jintnefħu fiż-żoni msemmija hawn fuq biex jindikaw il-korsa tat-tlielaq. Il-bagi mistennija jitpoġġew bejn id-9.00 a.m. u l-5.00 p.m., f'kull jum tal-attività.

Il-bastimenti kollha li mhumiex involuti fl-attività għandhom iżommu 'l bogħod mid-dgħajjes li se jkunu qed jikkompetu u jsegwu kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija mill-uffiċjali tar-regatta u l-bastimenti ta' appoġġ.

Jekk minħabba matemp l-avveniment ma jkunx jista' jsir kif ippjanat, dan isir fl-istess post u ħin bejn is-Sibt, 21 u l-Ħadd, 22 ta' Marzu, 2026.

Il-baħħara għandhom jinnutaw dan ta' hawn fuq u jagħtu spazju wiesgħa lill-korsa tat-tlielaq, fil-ġurnata tat-tlielaq. Huma avżati wkoll biex iżommu 'l bogħod mid-dgħajjes tal-qlugħ li jipparteċipaw fir-regatti.

Kull struzzjoni maħruġa fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kwalunkwe uffiċjal tal-infurzar fuq is-sit għandha tiġi segwita.

Charts affettwati: BA 211, 2538, 2537.

L-10 ta' Marzu, 2026

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 29 of 2026

Malta Young Sailors Club – National Regatta Championship, St Paul's Bay – 2026

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the Malta Young Sailors Club will be holding National Regatta Championship in St Paul's Bay, between Saturday, 14th and Sunday, 15th March, 2026.

The activity will take place in St Paul's Bay and its approaches, within the area delineated by the imaginary lines joining the points A, B, C, D, E, F, G, H, I, J, K, L, M, N, O, P, Q and R, as shown in the chart found on the Transport Malta website (www.transport,gov.mt).

Inflatable marker buoys shall be laid within the abovementioned area to indicate the racecourse. The buoys are expected to be laid between 9.00 a.m. and 5.00 p.m., on all days of the activity.

All vessels not involved in the activity are to keep well clear from the competing boats and follow any instructions given by the race officials and support vessels.

If due to adverse weather conditions, the event cannot be held as planned, it will be held in the same location and time between Saturday, 21st and Sunday, 22nd March, 2026.

Mariners are to note the above and give the racecourse area, on the day, a wide berth. They are further instructed to keep out of the way of all the sailing vessels participating in the regattas.

Any instructions issued on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement officers on-site, are to be complied with.

Charts affected: BA 211, 2538, 2537

10th March, 2026

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 30 tal-2026

Periklu għan-Navigazzjoni fil-Port ta' Marsamxett

B'referenza għal BA Chart 177 – Valletta Harbours

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinforma lill-baħħara li ġie skopert ostaklu sottomarin fil-Port ta' Marsamxett fil-pożizzjoni:

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 30 of 2026

Hazard to Navigation at Marsamxett Harbour

Reference is made to BA Chart 177 – Valletta Harbours

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a submersible obstruction has been detected at Marsamxett Harbour in position:

Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
35°54'.307	014°30'.770

L-ostaklu huwa parti minn pajp tal-ilma sottomarini li jgħaddi mill-Ponta ta' Tigné sal-Belt Valletta u jinsab madwar 28 metru 'l bogħod mill-kosta l-aktar viċin (kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)).

In-navigazzjoni bejn il-kosta (il-Ponta ta' Tigné) u l-kordinata mogħtija hija strettament ipprojbita.

Filwaqt li qed isir kull sforz biex is-sitwazzjoni tiġi rranġata kemm jista' jkun malajr, il-baħħara għandhom jagħtu spazju wiesgħa, jinnavigaw b'kawtela u joqogħdu attenti meta jkunu qed jinnavigaw fil-viċinanzi tal-kordinati msemmija.

Chart affettwata: BA 177

L-10 ta' Marzu, 2026

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 15 tal-2026

Bengħisa East Cardinal Buoy – Meqruda

B'referenza għal BA Chart 36 – Marsaxlokk and Approaches

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinforma lill-baħħara li l-Marsaxlokk Bengħisa East Cardinal Buoy li tixgħel 3 kull 10 sekondi fil-pożizzjoni:

Latitudni (N)	*Longitudni (E)*
35º 48'.030	14º 33'.550

ġiet meqruda.

Il-baħħara huma avżati biex jinnutaw dan hawn fuq u jbaħħru b'kawtela u b'veloċità baxxa meta jkunu qed jinnavigaw fiż-żona.

Charts affettwati: BA 36, 2538, 194

L-10 ta' Marzu, 2026

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35°54'.307	014°30'.770

The obstruction is part of the submersible water pipeline that runs from Tigné Point to Valletta and is approximately 28 meters off the nearest coast (as shown on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)).

Navigation between the coast (Tigné Point) and the given coordinate is strictly prohibited.

Whilst every effort is being made to rectify as soon as possible, mariners are to give a wide berth, navigate with caution and keep a sharp lookout when navigating in the vicinity of the abovementioned coordinates.

Chart affected: BA 177

10th March, 2026

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 15 of 2026

Bengħisa East Cardinal Buoy – Destroyed

Reference is made to BA Chart 36 – Marsaxlokk and Approaches

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the Marsaxlokk Bengħisa East Cardinal Buoy flashing quick 3 every 10 seconds in position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35º 48'.030	14º 33'.550

has been destroyed.

Mariners are advised to note the above and proceed with caution and slow speed when navigating in the area.

Charts affected: BA 36, 2538, 194

10th March, 2026

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Sejħa għal Assistent/a fil-Librerija (Sessjonijiet ta' Qari) part-time, mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

Numru tal-Permess tal-Jobsplus: 514/2024, l-Għaxar Sejħa

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal Assistent/a fil-Librerija (Sessjonijiet ta' Qari) part-time, b'kuntratt indefinit ta' bejn 10 u 20 siegħa fil-ġimgħa. Il-ħtieġa preżenti hija għal xogħol f'Malta. Il-ħinijiet tax-xogħol huma negozjabbli, skont l-esiġenzi tas-servizz u d-disponibbiltà ta' min jintgħażel. Il-kandidat/a magħżula trid tkun disponibbli tagħti sessjonijiet kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż minflok ħaddieħor li jinzerta indispost.

L-applikanti għandhom ikunu minn 18-il sena 'l fuq u għandhom jissodisfaw dawn il-kriterji ta' eliġibbiltà sad-data tal-għeluq:

Wieħed minn dawn, jew ekwivalenti, jew ogħla:

Ċertifikat fil-Livell Avvanzat fil-Livell 4 tal-MQF (Gradi A-C) jew ekwivalenti, f'lingwa jew f'suġġett umanistiku, preferibbilment fil-Malti jew fl-Ingliż, jew

Diploma fil-Livell 4 tal-MQF, f'qasam rilevanti tal-istudji, preferibbilment fl-Edukazzjoni fis-Snin Bikrin, jew

Tal-anqas sentejn fil-grad ta' Edukaturi tal-Kindergarten (KGE or KGE1 or KGE2) jew bħala għalliem supplimentari fi skola primarja, jew

Tal-anqas ħames snin ta' servizz sodisfaċenti bħala Assistenti tal-Programmi tal-Qari għall-Gost tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu; U

Tal-anqas Livell 3 tal-MQF fil-Malti u fl-Ingliż (ĊES 1-5 jew GCE A-C); U

Kapaċi jużaw l-MS Office, partikolarment il-Word, l-Outlook, u l-Excel; U

Temmew b'suċċess l-Award tal-Istitut tal-Edukazzjoni fil-Qari għall-Gost* jew taħriġ fil-metodoloġija ta' kif taqra lil ħaddieħor u/jew fir-rakkontar tal-istejjer, jew ekwivalenti.

*Applikanti li ma jissodisfawx ir-raba' kriterju, jistgħu japplikaw jekk ikunu lesti li jsegwu b'suċċess l-Award tal-Istitut tal-Edukazzjoni fil-Qari għall-Gost qabel itemmu l-ewwel sena tagħhom fl-impjieg.

Aktar dettalji dwar ir-rwol u l-kundizzjonijiet tal-impjieg jistgħu jinkisbu minn (https://nla.gov.mt/mt/sejhiet/), jew permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), jew bin-numru tat-telefown 2598 3325.

NATIONAL LITERACY AGENCY

Call for Part-Time Library Assistants (Reading Sessions) within the National Literacy Agency

Jobsplus Permit Number: 514/2024, Tenth Call

The National Literacy Agency is seeking to recruit Part-Time Library Assistants (Reading Sessions) on an indefinite contract of 10 to 20 hours per week. The current need is for work in Malta. Working hours are negotiable, subject to the exigencies of the service and the availability of the applicant. The selected candidates must be available for the replacement of sessions in Maltese as well as in English.

To be considered eligible, candidates need to be over 18 years of age and fulfil the following criteria by the closing date of this call:

Any of the following or equivalent or higher:

One A-level at MQF Level 4 (Grades A -C) or equivalent, in any language or humanistic subject, preferably in Maltese or English, or

MQF Level 4 Diploma, in a relevant area of studies, preferably in Early Years Education, or

At least 2 years in the grade of Kindergarten Educator (KGE or KGE1 or KGE2) or as supply teacher in a primary school, or

At least 5 years of satisfactory service as Reading for Pleasure Programmes Assistant for the National Literacy Agency; AND

At least MQF Level 3 in Maltese and English (SEC 1-5 or GCE A-C); AND

Ability to use MS Office, particularly Word, Outlook, and Excel; AND

Successful completion of the Institute for Education Award in Reading for Pleasure* or other training in read aloud and/or storytelling methodology or equivalent.

*Candidates who do not satisfy eligibility criterion 4, may apply if they commit to successfully complete the Institute for Education Award in Reading for Pleasure by the end of their first year of employment.

A detailed job description, including conditions of employment may be obtained from (https://nla.gov.mt/vacancies/), or by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), or by telephone number 2598 3325.

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-ittra tal-applikazzjoni flimkien mal-kwalifiki u l-esperjenzi fil-format tal-European Curriculum Vitae, kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom, ċertifikat tal-kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija u l-lista tax-xogħol li għamlu tul ħajjithom mill-Jobsplus, permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) sa mhux aktar tard mit-Tlieta, 24 ta' Marzu, 2026, f'nofsinhar.

L-applikanti jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien tlett ijiem ta' xogħol. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

L-10 ta' Marzu, 2026

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżami għall-Applikazzjoni għall-Awtorizzazzjoni għal persuni li jagħmlu installazzjoni tal-Elettriku skont ir-Regolamenti dwar l-Installazzjonijiet Elettriċi (L.S. 545.24) – Jannar 2026

Riżultati tal-eżamijiet tal-kitba

Id-Dipartiment tal-Eżamijiet jgħarraf li l-kandidati kollha ġew mgħarrfa dwar l-eżitu tal-ewwel parti tal-eżami (Eżami bil-miktub). Dawk li għaddew ġew avżati bl-appuntament tal-Eżami tal-Prattika u l-Intervista (It-Tieni Parti).

Dawk l-applikanti li ma rċevewx din il-komunikazzjoni huma mitluba biex jikkuntattjaw minnufih lid-Dipartiment tal-Eżamijiet, bin-numru tat-telefown 2598 2958, jew permezz ta' ittra elettronika lil (myexams@gov.mt).

L-10 ta' Marzu, 2026

TRANSPORT MALTA

Avviż lis-Sidien ta' Vetturi li Tneħħew mit-Triq

Skont ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru SL.65.13, Transport Malta qiegħda b'dan l-avviż tippubblika lista ta' vetturi li tneħħew mit-toroq għar-raġuni li marru kontra l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368) u Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, L.S. 368.02 u li ma ttiħdux lura mis-sidien legali tagħhom.

Il-lista tinkludi deskrizzjoni tal-vettura. Dawn il-vetturi qed jiġu miżmuma fil-compound ta' Transport Malta.

Is-sidien rispettivi huma ġentilment mitluba sabiex jieħdu lura l-vettura tagħhom mingħand Transport Malta billi jissottomettu prova li huma s-sidien tal-vettura inkwistjoni filwaqt

Candidates should submit their letter of application, together with a summary of qualifications and experience in a European Curriculum Vitae Format, a copy of their relevant scanned certificates, a valid police conduct certificate and their Jobsplus employment history, by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) by not later than Tuesday, 24th March, 2026, at noon.

Applications will be acknowledged within three working days. Late applications will not be considered.

10th March, 2026

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

Authorisation Examination for the Application of Authorisation of a Service Provider for Electrical Installations as per Electrical Installations Regulations (S.L.545.24) – January 2026

Written examinations results

The Department of Examinations notifies that all candidates have been informed about their success or otherwise in Part 1 of the above Examinations. Successful candidates have been informed of the date of their respective Practical Test and Interview (Part II).

Those applicants who have not received the notification are advised to contact immediately the Department of Examinations on telephone number 2598 2958 or by email to (myexams@gov.mt).

10th March, 2026

TRANSPORT MALTA

Notice to Owners of Vehicles Removed from the Road

In accordance with the Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations SL.65.13, Transport Malta is hereby publishing a list of vehicles that were removed from the road for being in breach of the Motor Vehicles Registration and Licensing Act (Cap. 368) and the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations S.L. 368.02 and which have not been retrieved by their lawful owners.

The list includes a description of the removed motor vehicle. The vehicles are currently being stored at Transport Malta's compound.

Respective owners are to retrieve their motor vehicle from Transport Malta upon submission of proof of ownership and upon payment of the applicable registration

li għandu jsir il-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni applikabbli, liċenzji, kontravenzjonijiet u miżati amministrattivi oħra li jkunu dovuti.

Vetturi li jibqgħu mhux miġbura u li għalihom ma jsir l-ebda ħlas għal-liċenzji, kontravenzjonijiet, taxxa applikabbli u drittijiet oħra sa nhar it-18 ta' Marzu, 2026, se jiġu rkantati u, jekk mhux mibjugħa, se jiġu meqruda.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb bin-numru tat-telefown 2556 4134 bejn id-9.30 a.m. sas-2.30 p.m., jew permezz ta' ittra elettronika lil (auctions.tm@transport.gov.mt).

tax, licences, contraventions and other administration fees that may be due.

Vehicles which are not retrieved and for which any applicable registration tax, licences, contraventions and other fees are not paid by 18th March, 2026, will be auctioned and, if not sold, will be destroyed.

Further information may be obtained on telephone number 2556 4134 between 9.30 a.m. and 2.30 p.m., or by sending an email to (auctions.tm@transport.gov.mt).

Għamla *Make*	Mudell *Model*	Kulur *Colour*	Nru tar-Reġistrazzjoni/Chassis *Registration/Chassis No.*	Lokalità ta' Tneħħija *Locality of Removal*
Toyota	Vitz	Abjad	MKB127	Il-Ħamrun
Ford	Transit	Abjad	KEV232	Il-Ħamrun
Mash	New-Seventy	Iswed	ECH596	San Pawl il-Baħar
Honda	Fit	Ikħal	ICC617	Il-Birgu
BMW	318	Griż	JCS459	San Ġiljan
Toyota	Vitz	Griż	BCE523	Ħal Luqa
Ford	Mustang	Aħmar	2541KRJ	San Ġiljan
Ford	Kuga	Aħmar	BLY161	Ħal Luqa
Toyota	Starlet	Abjad	ABJ993	Il-Ħamrun
Mazda	Demio	Griż	BCV137	Ħal Lija
Box Trailer	N/A	Abjad/kannella	ABA932	Ix-Xemxija
Suzuki	Swift	Iswed	HBS819	L-Isla
Volkswagen	UP	Abjad	BCN168	Il-Mosta
Citroen	C3	Griż	BBP398	Il-Mosta
Honda	SM	Iswed	ALE011	San Ġiljan

L-10 ta' Marzu, 2026

BUREAU OF AIR ACCIDENT INVESTIGATION

Lista ta' direct orders mogħtija mill-Bureau of Air Accident Investigation matul il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2025 u l-31 Diċembru, 2025, ppubblikata skont ir-Regolament 111 (2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici (A.L. 352/2016) u ċ-Ċirkolari 02/2017 tat-23 ta' Jannar, 2017, maħruġa mid-Dipartiment tal Kuntratti.

10th March, 2026

BUREAU OF AIR ACCIDENT INVESTIGATION

List of direct orders awarded by the Bureau of Air Accident Investigation during the period between 1st July, 2025 and 31st December, 2025, published in terms of Regulation 111 (2) of the Public Procurement Regulations (L.N. 352/2016) and of Circular 02/2017 of 23rd January, 2017, issued by the Department of Contracts.

L-10 ta' Marzu, 2026

10th March, 2026

Nru *No.*	Numru tar-Referenza tad-Direct Contract *Direct Order Reference Number*	Titlu tad-Direct Contract/Suġġett tad-Direct Contract *Direct Order Name/Subject of Direct Order*	Data tal-Għotja *Approval Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt VAT eskluża *Contract Value Excl. VAT*
1	LA_34_2025	Aviation Medical Advisor	1/10/2025	Dr Jan Chircop	€5,040
2	LA_35_2025	Consultant Psychologist	1/10/2025	Professor Vincent Cassar	€6,000

Nru *No.*	Numru tar-Referenza tad-Direct Contract *Direct Order Reference Number*	Titlu tad-Direct Contract/Suġġett tad-Direct Contract *Direct Order Name/Subject of Direct Order*	Data tal-Għotja *Approval Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt VAT eskluża *Contract Value Excl. VAT*
3	100/2025/24	Inurance Policy Air Accidents	28/11/2025	Willis Towers Watson SA/NV	USD 40,000

KUNSILL LOKALI L-FURJANA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Furjana jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jkunu magħluqin u se jiġu klassifikati bhala 'Tow Zones', u għalhekk it-twaqqif u l-ipparkjar ta' vetturi fl-imsemmija toroq u ħinijiet huma projbiti kif ġej:

Mit-8.00 a.m. tas-Sibt, 14 ta' Marzu, 2026 sad-9.00 p.m. tal-Ħadd, 15 ta' Marzu, 2026, minn Triq il-Konservatorju minn Triq il-Mall sa Pjazza San Kalċidonju;

Nhar il-Ħadd, 15 ta' Marzu, 2026, mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m., minn Triq il-Miratur minn Triq Antonio Agius sa Triq San Publiju, Triq San Publiju minn Triq il-Miratur sa Pjazza San Publiju, Pjazza San Publiju minn Triq San Publiju sa Triq Sarria, Triq Vincenzo Dimech minn Triq il-Mall sa Triq l-Iljun u Triq l-Iljun minn Triq Vincenzo Bugeja sa Triq il-Konservatorju.

Vetturi li jinstabu jiksru dan l-avviż ikunu suġġett li jiġu rmunkati.

L-10 ta' Marzu, 2026

FLORIANA LOCAL COUNCIL

Traffic and Parking Suspension

The Floriana Local Council hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder will be closed and are to be classified as 'Tow Zones' as indicated, and therefore that the stopping and parking of vehicles in the mentioned streets and times are prohibited as follows:

From 8.00 a.m. of Saturday, 14th March, 2026 to 9.00 p.m. of Sunday, 15th March, 2026, through Triq il-Konservatorju from Triq il-Mall to Pjazza San Kalċidonju;

On Sunday, 15th March, 2026, from 9.00 a.m. to 1.00 p.m., through Triq il-Miratur from Triq Antonio Agius to Triq San Publiju, Triq San Publiju from Triq il-Miratur to Pjazza San Publiju, Pjazza San Publiju from Triq San Publiju to Triq Sarria, Triq Vincenzo Dimech from Triq il-Mall to Triq l-Iljun and Triq l-Iljun from Triq Vincenzo Bugeja to Triq il-Konservatorju.

Vehicles found in contravention of this notice are subject to be towed.

10th March, 2026

KUNSILL LOKALI TA' XBIEX

Clearance ta' Triq

Il-Kunsill Lokali Ta' Xbiex jgħarraf li nhar il-Ħamis, 12 ta' Marzu, 2026, u l-Ġimgħa, 13 ta' Marzu, 2026, mis-6.00 a.m. sas-6.00 p.m., hemm bżonn ta' clearance fix-Xatt Ta' Xbiex (iż-żona tal-parkeġġ mal-baħar).

L-10 ta' Marzu, 2026

TA' XBIEX LOCAL COUNCIL

Street Clearance

The Ta' Xbiex Local Council notifies that on Thursday, 12th March, 2026, and on Friday, 13th March, 2026, from 6.00 a.m. to 6.00 p.m., clearance is required in Ix-Xatt Ta' Xbiex (seaside parking area).

10th March, 2026

KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Clearance ta' Triq

Il-Kunsill Lokali Santa Venera jgħarraf li minn nofsinhar tal-Ħamis, 2 ta' April, 2026, sa nofsillejl tal-Ġimgħa, 3 ta' April, 2026, se jkun hemm clearance ta' Misraħ Santa Venera bis-sinjali tan-'No Parking'. Aċċess għal Misraħ Santa Venera mhux se jkun ostakolat.

L-10 ta' Marzu, 2026

SANTA VENERA LOCAL COUNCIL

Street Clearance

The Santa Venera Local Council notifies that from noon of Thursday, 2nd April, 2026, to midnight of Friday, 3rd April, 2026, Misraħ Santa Venera will be cleared with 'No Parking' signs. Access to Misraħ Santa Venera will not be obstructed.

10th March, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Erbgħa, 11 ta' Marzu, 2026.

ERU0503U26 – Devices
ERU0503U26A – Medicinal
ERU0503U26B – Devices
ERU0503U26C – Devices
ERU0503U26D – Medicinal
ERU0503U26E – Medicinal
ERU0503U26F – Medicinal
ERU0503U26G – Medicinal
ERU0503U26H – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

L-10 ta' Marzu, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 11th March, 2026.

ERU0503U26 – Devices
ERU0503U26A – Medicinal
ERU0503U26B – Devices
ERU0503U26C – Devices
ERU0503U26D – Medicinal
ERU0503U26E – Medicinal
ERU0503U26F – Medicinal
ERU0503U26G – Medicinal
ERU0503U26H – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

10th March, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 12 ta' Marzu, 2026.

ERU0603U26 – Medicinal
ERU0603U26A – Devices
ERU0603U26B – Medicinal
ERU0603U26C – Devices
ERU0603U26D – Devices
ERU0603U26E – Devices

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

L-10 ta' Marzu, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Thursday, 12th March, 2026.

ERU0603U26 – Medicinal
ERU0603U26A – Devices
ERU0603U26B – Medicinal
ERU0603U26C – Devices
ERU0603U26D – Devices
ERU0603U26E – Devices

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

10th March, 2026

KUNSILL LOKALI L-MELLIEĦA

Sejħa għall-Offerti

Il-Kunsill Lokali l-Mellieħa jgħarraf illi:

Sad-9.30 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 10 ta' April, 2026, permezz tal-ePPS jirċievi offerti għal:

Avviż Nru MLC/01/2026. Xogħlijiet ta' kisi mill-ġdid fi triq rurali 'Ta' Bejn il-Ġonna' b'mod effiċjenti fir-riżorsi li jikkunsidra impatti ambjentali usa' fil-lokalità tal-Mellieħa.

Cap Strategic Plan for Malta 2023-2027: Intervention 73.3 – Off-Farm Investments (Infrastructure Rural Roads)

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jistgħu jiġu mniżżla mill-ePPS (www.etender.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom, jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kwalukwe offerta, anke l-aktar waħda li tidher vantaġġjuża.

L-10 ta' Marzu, 2026

Kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea

MELLIEĦA LOCAL COUNCIL

Call for Tenders

The Mellieħa Local Council notifies that:

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 2/2022 ippreżentat fil-11 ta' Novembru, 2025, fl-ismijiet premessi, l-esponenti appellanti SL Ship Management Company Limited qiegħda tinterponi umli appell u titlob ir-riforma tas-sentenza datata 14 ta' Ottubru, 2025, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili inkwantru li l-ewwel Qorti żbaljat meta warrbet is-sottomissjoni tal-esponenti illi l-intimata kienet insolventi għaliex ma nġabitx prova ta' dan, mentri fil-fatt il-kumpanija intimata kienet insolventi u kien hemm prova ta' dan u dan il-fatt tal-insolvenza jirriżulta mill-atti.

By means of a decree delivered on the 11th November 2025, by the Court of Appeal (Superior Jurisdiction), in the records of Application number 2/2022 in the names Dr John Bugeja noe vs Petroplus Ltd, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Petroplus Limited in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

Whereas In the Appeal Application number 2/2022 filed on the 11th November, 2025, in the names premised, the appellant SL ship Management Company Limited filed an appeal whereby it requests the reform of the judgment dated 14th of October, 2025, by the First Hall Civil Court when it erred in rejecting the appellant's submission that the respondent company was insolvent because no proof of this was brought before the court, and when the respondent company was in fact insolvent and proof was produced of this and that said evidence emerges results from the records.

Għaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata li jekk ikun il-każ issib u tiddikjara illi fil-mument tal-iskrizzjoni tal-ipoteki mill-konkorrenti f'dan il-proċess, Petroplus Limited kienet insolventi, tiddikjara dawn r-reġistrazzjonijiet nulli, u jekk jidhrilha l-każ tapplika l-prinċipju illi l-konkorrenti kollha fid-dawl tar-riżultanzi jikkonkorru prorata a tenur tal-Artikolu 1995(1) tal-Kodiċi Ċivili, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi sopportati mill-konkorrenti l-oħra u s-soċjetàjiet esteri.

Notifika: Petroplus Limited, Office 5B, Level 8, Portomaso Business Tower, Vjal Portomaso, San Ġiljan

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 20 ta' Frar, 2026

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Therefore, the appellant respectfully requests that this Honourable Court of Appeal, reforms the judgment appealed which if it be the case it finds and declares that at the moment of the registration of the hypothecs by the competing creditors in this process, Petroplus Limited was insolvent, it declares these registrations null, and if it considers the case applies the principle that all the competing creditors in the light of the results shall contest pro rata in terms of Article 1995 (1) of the Civil Code, with costs of both instances to be borne by the other competing creditors and foreign companies.

Notification: Petroplus Limited, Office 5B, Level 8, Portomaso Business Tower, Vjal Portomaso, St Julian's

Registry of the Court of Appeal (Superior Jurisdiction), this day 20th February, 2026

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

658

Permezz tad-digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri), fid-29 ta' Jannar, 2026, fl-atti tar-Rikors Nru 217/2023 fl-ismijiet Spiridione sive Dione Farrugia (KI 284863M) vs RMJ Horse Rescue and Rehabilitation Voluntary Organisation (VO1225), ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Corinne Marie Farrugia bħala Direttur ta' RMJ Horse Rescue and Rehabilitation Voluntary Organisation a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 217/2023 ippreżentata fid-19 ta Diċembru, 2025, fl-ismijiet premessi, l-esponenti appellanti ħassewhom aggravati bil-fatt li ma kien jeżisti xejn fattwalment jew legalment li jimmerita jew jiġġustifika il-waqfien tal-kors tal- kawża preżenti, u li s-soprasessjoni sservi biss sabiex jiġu vvjolati b'mod ċar u manifest l-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenżjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Għaldaqstant, l-esponenti jissottometti li din l-Onorabbli Qorti għandha, tiċħad it-talba kif kontenuta fir-rikors tar-rikorrenti tat-15 ta' Ottubru, 2025, bl-ispejjeż kontra l-organizzazzjoni intimata, u b'riżerva sħiħa għad-danni spettanti lill-esponenti attur, u dana filwaqt li l-każ għandu jibqa' differit għas-16 ta' Diċembru, 2025, għal għeluq provi kollha tal-organizzazzjoni intimata, kif indikat fil-verbal tal-15 ta' Ottubru, 2025.

Notifika: Corinne Marie Farrugia, bħala Direttur, 216, Silvermist, Triq l-Imħallef William Harding, Pembroke

By means of a decree given, by the Court of Appeal (Superior jurisdiction), on the 29th January, 2026, in the records of the application number 217/2023GG in the names Spiridione sive Dione Farrugia (ID 284863M) vs RMJ Horse Rescue and Rehabilitation Voluntary Organisation (VO1225), the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Corinne Maria Farrugia as Director of RMJ Horse Rescue and Rehabilitation Voluntary Organisation in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap 12 of the Laws of Malta.

By means of Appeal Application Number 217/2023GG filed on the 19th December, 2025, in the names premised, the appellants felt aggrieved by the fact that there existed nothing factually or legally meriting or justifying the staying of the course of the present cause, and that the staying serves only to breach clearly and manifestly Article 37(1) of the Constitution and Article 1 of the First Protocol to the European Convention of Human Rights.

Therefore, the applicant requests that this Honourable Court rejects the demand as contained in the applicant's application dated 15th October, 2025, with costs against the respondent organisation, and with the full reservation for damages due to the applicant plaintiff, whilst the case should remain deferred to the 16th December, 2025, for the closure of all the evidence of the respondent organisation, as indicated in the records of the proceedings of the 15th October, 2025.

Notification: Corinne Marie Farrugia, as Director, 216, Silvermist, Triq l-Imħallef William Harding, Pembroke

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 23 ta' Frar 2026

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts (Appeals), this day 23rd February, 2026

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

659

Permezz tad-digriet mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Ottubru, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 279/2024 fl-ismijiet ta' Mariella Micallef (KI 587077M) u oħtha Sandra Micallef (KI 558080M) vs l-Avukat tal-Istat u James McKay (KI 155278M), ġiet ordnata din il-pubblikazzjoni fil-konfront tal-imsemmi James McKay għall-finijiet tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By means of a decree delivered on the 3rd October, 2024, by the Constitutional Court, in the records of Application number 279/2024 in the names of Mariella Micallef (ID 587077M) and her sister Sandra Micallef (ID 558080M) vs the State Advocate and James McKay (ID 155278M), the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the said James Mckay Article 187(3) et sequitur Cap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell Kostituzzjonali numru 279/2024 ippreżentat fit-12 ta' Ġunju, 2025, fl-ismijiet premessi, għar-rigward tal-kirja tal-fond bl-indirizz 134, St Catherine, Flat 2, Triq il-Magna tas-Serrar, L-Imsida, l-esponent ħassu aggravat mis-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija fid-29 ta' Mejju, 2025 inkwantu:

Whereas in Appeal Application number 279/2024 filed on the 12th June, 2025, in the names premised, regarding the lease of the premises bearing address 134, St Catherine, Flat 2, Triq il-Magna tal-Serrar, Msida, the appallant felt aggrieved by the judgment in the names premised delivered on the 29th May, 2025, on the basis of:

1. l-Ewwel Onorabbli Qorti żbaljat meta ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-esponent u sabet li l-kirja hija protetta taħt id-dispożizzjoni tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

1. That the Honourable First Court was mistaken when it dismissed the second plea raised by the exponent and found that the lease is protected under the provisions of Cap. 69 of the Laws of Malta;

2. L-istess qorti żbaljat ukoll meta laqgħet it-talbiet tar-rikorrenti u meta sabet leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u llikwidat kumpens favur ir-rikorrenti;

2. That the same court also erred in upholding the applicant's claims and in finding an infringement of the applicant's fundamental rights in liquidating compensation in favour of the applicant;

3. Hija żbaljat meta lliberat lill-inkwilin James McKay mill-osservanza tal-ġudizzju;

3. That the court erred in non-suiting James McKay;

4. Illi żbaljat meta llikwidat u ordnat lill-esponent iħallas kumpens rappreżentanti danni pekunjarji fis-somma ta' €40,000, f'liema każ dan l-ammont huwa esaġerat;

4. The court mistakenly liquidated and ordered the exponent to pay compensation representing pecuniary damages in the sum of €40,000, in which case this amount is exaggerated;

5. Żbaljat ukoll meta llikwidat u ordnat lill-esponent iħallas kumpens rappreżentanti danni nonpekunjarji ta' €3,000, li huwa wieħed esaġerat;

5. It was also mitaken when liquidating and ordering the applicant to pay compensation representing non-pecuniary damages of €3,000, which is exaggerated;

6. illi żbaljat ukoll meta ordnat li l-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom jitħallsu fl-intier tagħhom mill-esponent Avukat tal-Istat.

6. It also erred when it ordered that all the costs of the cause are to be paid in their entirety by the appellant State Advocate.

Għaldaqstant, l-esponent qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-esponent u fejn illikwidat kumpens fit-totalità tiegħu fl-ammont ta' €43,000 u fejn illiberat lill-intimat James McKay mill-osservanza tal-

Therefore, the appellant requests this Honourable Constitutional Court to reform the judgment appealed by annulling and revoking the judgement wherein it liquidated compensation in its entirety in the amount of €43,000 and whereby it non-suited respondent James McKay and ordered that the costs be paid by the respondent State Advocate. In

ġudizzju u ordnat li l-ispejjeż jitħallsu mill-intimat Avukat tal-Istat. F'każ li din l-Qorti tiddeċiedi li tikkonferma li r-rikorrenti appellati sofrew vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, iżda f'każ li tiddeċiedi li għandha tillikwida kumpens tillikwida d-danni f'ammont inqas minn dak lilwidat fis-sentenza appellata.

Notifika: James McKay, St Catherine 134, Flat 2, Triq il-Magna tas-Serrar, L-Imsida;

Reġistru tal-Qorti Kostituzzjonali, 19 ta' Frar, 2026

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the event that this Court decides to confirm that the plaintiffs/respondents suffered a violation of their fundamental rights, the Court should cancel and revoke the appealed judgment; however, should it decide that it must award compensation, it should liquidate the damages in an amount lower than that awarded in the appealed judgment.

Notification: James McKay, St Catherine 134, Flat 2, Triq il-Magna tas-Serrar Msida

Registry of the Constitutional Court, 19th February, 2026

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

660

ARB/C023/2026 – ORDNI TA' FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-3 ta' Marzu, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Lara Lanfranco, LLD), Kumpilazzjoni Numru 10467/2025, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

DYLAN SCHEMBRI, ta' 31 sena, iben Emanuel Schembri u Josephine Schembri xebba Xuereb, imwieled Tal-Pietà, Malta, fit-8 ta' Marzu, 1994, u residenti f'47, 'Anson', Flat 1, Triq il-Fuħħarin, Birkirkara, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 128094M.

Il-Qorti ORDNAT is-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' DYLAN SCHEMBRI u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi propjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini ta' Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluži, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali,Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat li jista' jibqa' jirċievi ammonti li ma jeċċedux is-somma ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, wara li jiddikjara l-għejun, il-mod u modalitajiet oħra ta' ħlas, inkluż salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali li jitħallsu lilu.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A u fl-Artikolu 23A, tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn

ARB/C023/2026 – FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 03rd March 2026 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Lara Lanfranco, LLD), with Compilation Number 10467/2025, in the case:

The Republic of Malta

Versus

DYLAN SCHEMBRI, 31 years, son of Emanuel Schembri and Josephine Schembri née Xuereb, born in Tal-Pietà, Malta, on the 8th March, 1994, and residing at 47, 'Anson', Flat 1, Triq il-Fuħħarin, Birkirkara, and holder of a Maltese identity card bearing number 128094M.

The Court ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to DYLAN SCHEMBRI and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta and Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year, after declaring the sources, monies and other modalities of income, including salary, wages, pension and social benefits paid to him.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 22A and Article 23A, referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable

ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 4 ta' Marzu, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

to a fine (multa) not exceeding eleven thousand, six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 4th March 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

661

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-22 ta' Jannar, 2026, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4163/2025, fl-ismijiet Luana Balzan vs Alexander Mercieca, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Alexander Mercieca a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 9 ta' Diċembru, 2025

Lil Alexander Mercieca (KI 85363M) ta' 4, Anil, Triq il-Ħawt, Is-Swieqi

Permezz tal-preżenti Luana Balzan (KI 91186M) ta' Patricia House, Triq Dun Vinċenz Fenech, Birżebbuġa, tgħammillek referenza għall-att ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Dorian Sciberras tas-7 ta' Marzu, 2022, kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa, peremzz ta' liema inti kkostitwejt ruħek veru, ċert u likwidu debitur affavur tal-mittenti fl-ammont ta' €13,030.95 rappreżentanti depożitu mħallas lilek akkont tal-prezz tal-bejgħ ta' proprjetà illi inti ma begħtx lill-mittenti għar-raġunijiet imputabbli lilek u spejjeż relattivi għall-istess, liema somma inti obbligajt ruħek li tħallasha sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu, 2022, u f'każ ta' nuqqas ta' tħallas l-imgħaxijiet bl-ogħla rata illi tippermetti l-liġi b'effett mid-data tal-konvenju jiġifieri mis-7 ta' Awwissu, 2019.

Peress illi inti ma ħallast xejn mill-ammont dovut minnek, inti veru, ċert u likwidu debitur tal-mittenti fl-ammont ta' €13,030.95 flimkien mal-imgħaxijiet legali bir-rata ta' 8% b'effett mis-7 ta' Awwissu, 2019. Il-mittenti qiegħda permezz tal-preżenti tinterpellak sabiex immedjatament u in ogni każ sa mhux aktar tard minn jumejn min-notifika lilek ta' din l-ittra uffiċjali tħallas l-imsemmi ammont ta' €13,030.95, flimkien mal-imgħaxijiet legali bir-rata ta' 8% b'effett mis-7 ta' Awwissu, 2019.

By means of a decree of the 22nd January, 2026, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 4163/2025 in the names Luana Balzan vs Alexander Mercieca the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Alexander Mercieca in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 9th December, 2025

To Alexander Mercieca (ID 85363M) of 4, Anil, Triq il-Ħawt, Swieqi

By the present, Luana Balzan (ID 91186M) of Patricia House, Triq Dun Vinċenz Fenech, Birżebbuġa, reference is made to the act of constitution of debt deed in the records of Notary Dorian Sciberras of the 7th March, 2022, a copy of which is hereby attached, by virtue of which you constituted yourself true, certain and liquid debtor in favour of the interpellant in the amount of €13,030.95 representing the deposit paid to you on account of the sale price of property which you did not sell to the interpellant for reasons imputable to you and costs relative to the same sum you obliged yourself that you pay her by not later than 31st August, 2022, and in case of default, you undertook to pay interest at the highest rate permitted by law with effect from the date of the promise of sale agreement that is 7th August, 2019.

Since you have not paid anything from the amount due by you, you are true, certain and liquid debtor of the interpellant in the amount of €13,030.95 together with legal interest at the rate of 8% with effect from the 7th August, 2019. The interpellant is by means of the present soliciting you so that immediately and in any case by not later than two days from the service of this judicial letter you pay the said amount of €13,030.95 together with legal interest at the rate of 8% with effect from the 7th August, 2019.

Fin-nuqqas se jinħargu mandati eżekuttivi fil-konfront tiegħek mingħajr preavviż ieħor.

Peress illi d-debitu minnek dovut huwa ċert, likwidu u għalaq ai termini tal-artikolu 253(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat sabiex trendi l-kuntratt pubbliku hawn fuq imsemmi eżegwibbli ai termini tal-artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Inti interpellat ukoll tħallas l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' 8% b'effett mis-7 ta' Awwissu, 2019 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż,inkluzi tal-preżenti kontra tiegħek.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 6 ta' Marzu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

In default, executive warrants will be issued against you without further notice.

Since the debt due by you is certain, liquid and due in terms of Article 253 (b) of Cap. 12 of the Laws of Malta, this judicial letter is being sent to render the public contract above mentioned executable in terms of Article 256 (2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

You are also solicited to pay legal interest at the rate of 8% with effect from the 7th August, 2019 till the date of effective payment.

With costs, including the present against you.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 6th March, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

662

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-4 ta' Frar, 2026, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4230/2025, fl-ismijiet Colin Micallef et vs TF Condominium Management Ltd, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kumpanija intimata TF Condominium Management Ltd tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 16 ta' Diċembru, 2025

Lil TF Condominium Management Ltd (C10448), ta' LexMalta Advocates, 55, Triq l-Oratorju, Il-Mosta

Permezz tal-preżenti Colin Micallef (KI 386968M) u martu Josette Micallef (KI 455970M) ta' 5 Peppina, Triq il-Prinjol, L-Iklin, filwaqt li jirreferu għall-ittra uffiċjali tiegħek tas-26 ta' Novembru, 2025, jirrespingu bil-qawwa l-pretensjoni tiegħek dedotta kontra tagħhom li huma debituri tiegħek fis-somma ta' €6793.29 allegatament dovuta minnhom bħala l-kontribuzzjuoni tagħhom għat-tibdil u/jew manutenzjoni tal-lift fil-partijiet komuni tal-blokk Victoria Place, Triq Ġorġ Borg Olivier, Tas-Sliema.

Kif ġa għarrfuk il-mittenti b'ittra legali tal-10 ta' Novembru, 2025, l-appartament tagħhom jinsab f'livell ta' elevated groundfloor u b'aċċess dirett għall-bieb komuni tat-triq. Minkejja dak kollu dikjuarat minnkom fir-regoli proposti minnkom, u aċċettati mill-kondomini u saħansitra minkejja dak kollu li jingħad fit-titolu tal-mittenti jew il-bqija tal-kondomini, l-artikolu 11(2) tal-Att dwar il-Condominia jipprovdi li 'Meta l-ispejjeż isiru dwar xi ħaga

By means of a decree of the 4th February 2026, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 4230/2025 in the names Colin Micallef et vs TF Condominium Management Ltd the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent company TF Condominium Management Ltd in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 16th December, 2025

To TF Condominium Management Ltd (C10448), of LexMalta Advocates, 55, Triq l-Oratorju, Mosta

By the present, Colin Micallef (ID 386968M) and his wife Josette Micallef (ID 455970M) of 5 Peppina, Triq il-Prinjol, Iklin, refer to your judicial letter dated 26th November, 2025, and strongly contest your claim against them where you state that they are your debtors in the sum of €6793.29 allegedly due by them as their contribution for the replacement and/or maintenance of the lift in the common parts of the block Victoria Place, Triq Ġorġ Borg Olivier, Tas-Sliema.

As already notified by the interpellants by legal letter of the 10th November, 2025, the apartment is situated at elevated ground floor level and with direct access to the common door of the road. Notwithstanding all that is declared by you in the rules proposed by you, and accepted by the condomini and even notwithstanding all that is stated in the title of the interpellant or the rest of the condomini, Article 11 (2) of the Condominium Act provides that 'Where the

li sservi lill-condomini f'mizura mhux ugwali, l-ispejjeż jinqasmu fi proporzjon tal-użu li kull wieħed jista' jagħmel'. Din ir-regola hija ta' natura ius cogens, u torbot bi preferenza fuq kull ftehim jew kuntratt, kif jipprovdi ċar l-artikolu 3 tal-istess liġi.

Intom tafu tajjeb li l-mittenti ma jagħmlu assolutament ebda użu mil-lift, u mhu ħsiebhom jagħmlu ebda użu minnu lanqas fil-futur. Kif diġà għarrfukom m'għandhom ebda diffikultà li l-lift ikun jissakkar biex jiġi aċċertat li huma ma jkollhomx aċċess għalih. Huwa proprju għalhekk li kemm ilhom sidien tal-appartament dejjem irrifjutaw u fil-fatt qatt ma ħallsu lanqas il-kontribuzzjoni għall-manutenzzjoni tal-lift ezistenti.

Il-mittenti għalhekk m'għandhom iħallsu xejn inkonnessjni mal-lift, la dak li hemm stallat bħalissa u wisq inqas xi ieħor ġdid li jista' jiġi stallat minfloku.

Tant biex tagħrfu tirregolaw ruħkom a skans ta' proċedimenti u spejjeż inutili.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 6 ta' Marzu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

costs are incurred in respect of something which serves the condomini in an unequal measure, the costs shall be divided in proportion to the use which each one can make'. This rule is of a ius cogens nature, and is binding by preference on any agreement or contract, as Article 3 of the same law clearly provides.

You know well that the interpellants do not make any use of the lift at all, and do not intend to make any use of it even in the future. As already notified, they have no difficulty locking the lift to ensure that they do not have access to it. That is why since they have been the owners of the apartment they have always refused and in fact never paid the contribution for the maintenance of the existing lift.

The interpellants are therefore not to pay anything in connection with the lift, neither that which is currently installed nor any new one which can be installed instead.

So much so that you may know how to regulate yourself in order to avoid useless procedures and costs.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 6th March, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

663

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-10 ta' Novembru, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1458/2025, fl-ismijiet Ganga Lal Shrestha et vs Tabello (Malta) Ltd, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kumpanija intimate Tabello (Malta) Ltd tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 23 ta' April, 2025

Lil Tabello (Malta) Ltd (C66607) ta' Klementa, Triq Birbuba, L-Għarb, Għawdex GRB 1434
John Bryan Delaney

Permezz tal-preżenti Ganga Lal Shrestha (passaport Nepaliż PA0396813); Kanchan Tamang (passaport Nepaliż 12413705; Rubin Tamang (passaport Nepaliż PA0982356); Bishal Rokka (passaport Nepaliż PA1214559); Thir Kumar Shrestha (passaport Nepaliż PA 1549895); Netra Bahadur Budhathoki (passaport Nepaliż PA1805857); Nirmal Thapa (passaport Nepaliż 12130673), Sujan Rajthala (passaport Nepaliż 09875111) u Sunit Basnet (passaport Nepaliż

By means of a decree of the 10th November 2025, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 1458/2025 in the names Ganga Lal Shrestha et vs Tabello (Malta) Ltd et the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent company Tabello (Malta) Ltd in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 23rd April, 2025

To Tabello (Malta) Ltd (C66607) of Klementa, Triq Birbuba, Għarb, Għawdex GRB 1434
John Bryan Delaney

By the present, Ganga Lal Shrestha (Nepalese passport PA0396813); Kanchan Tamang (Nepalise Passport 12413705) ;Rubin Tamang (Nepalese passport PA0982356); Bishal Rokka (Nepalese passport PA 1214559); Thir Kumar Shrestha (Nepalese passport PA 1549895); Netra Bahadur Budhathoki (Nepalese passport PA1805857); Nirmal Thapa (Nepalese passport 12130673), Sujan Rajthala (Nepalese passport 09875111) and Sunit Basnet (Nepalese

09863518) ta' c/o Veduta Apts, Fl. 1, Triq il-Korp tal-Pijunieri, San Pawl il-Baħar, qed jinterpellak sabiex b'mod immedjat tirritorna l-fondi li gew trasferiti lill-kumpanija f'isem John Bryan Delaney u f'isem Caroline Ann Floyd taħt direzzjoni tal-istess kumpanija bħala ħlas għall-applikazzjonijiet ta' permessi tax-xogħol li l-kumpanija offritilhom.

Il-mittenti fdaw il-kumpanija u lir-rappreżentanti tagħha bil-fondi tagħhom għal skop uniku u ċar li jitwettaq l-inkjarigu ta' applikazzjonijiet għal permessi tax-xogħol. Dawn il-pagamenti saru in bona fide bil-ħsieb li s-servizzi mwiegħda kienu se jitwettqu u jingħatalhom ix-xogħol. Iżda sal-ġuranta tal-lum, il-mittenti għadhom barra minn Malta u l-ebda approvazzjoni għal permess tax-xogħol ma ġie pprovdut u lanqas ma ngħatatilhom ġustifikazzjoni valida dwar in-nuqqas ta' twettiq.

Il-ħlasijiet li saru huma kif gej:

€1000 permezz ta' Revolut lis-Sur John Bryan Delaney

€600 permezz ta' trasferiment internazzjonali lis-Sur John Bryan Delaney

€900 permezz ta' trasferiment internazzjonali lis-Sur John Bryan Delaney

€4000 permezz ta' trasferiment internazzjonali lis-Sinjura Caroline Ann Floyd

€600 permezz ta' trasferiment internazzjoni lis-Sur John Bryan Delaney

€1475 permezz ta' trasferiment internazzjoni lis-Sinjura Caroline Ann Floyd

€750 permezz ta' trasferiment internazzjoni lis-Sur John Bryan Delaney

€1000 permezz ta' trasferiment internazzjonali lis-Sinjura Caroline Ann Floyd

€350 permezz ta' trasferiment internazzjonali lis-Sinjura Caroline Ann Floyd

€750 permezz ta' trasferiment internazzjonali lis-Sur John Bryan Delaney

€900 permezz ta' trasferiment internazzjonali lis-Sur John Bryan Delaney

Ammont totali ta' €11,325

Minkejja wegħdiet repetuti l-ebda azzjoni leġittima ma ttieħdet u dan ta lok għal approprjazzjoni indebbita u frodi li huwa att kriminali serju kif ukoll għal nuqqasijiet ta' obbliġi

passport 09863518) of c/o Veduta Apts, Fl. 1, Triq il-Korp tal-Pijunieri, San Pawl il-Baħar, are hereby notifying to immediately return the funds transferred to the Company through John Bryan Delaney and Caroline Ann Floyd following the direction of the company as payment for the work permit applications offered to them.

The interpellants entrusted the company and its representatives with their funds for the sole and specific purpose of fulfilling the commission of work permit applications. These payments were made in good faith with the understanding that the services agreed upon would be executed and the works performed. However, to date the interpellants remain outside Malta without any approval for works permits, nor have they been given any valid justification for the lack of execution.

The payments made are as follows:

€1000 via Revolut to Mr John Bryan Delaney

€600 via international transfer to Mr John Bryan Delaney

€900 via international transfer to Mr John Bryan Delaney

€4000 via international transfer to Ms Caroline Ann Floyd

€600 via international transfer to Mr John Bryan Delaney

€1475 via international transfer to Ms Caroline Ann Floyd

€750 via international transfer to Mr John Bryan Delaney

€1000 via international transfer to Ms Caroline Ann Floyd

€350 via international transfer to Ms Caroline Ann Floyd

€750 via international transfer to Mr John Bryan Delaney

€900 via international transfer to Mr John Bryan Delaney

Total amount €11,325

Despite repeated requests, no legitimate action has been taken, resulting in misappropriation and fraud, which constitutes serious criminal offenses as well as breaches of civil

peress li l-kumpanija b'azzjonijisti barranin lanqas hija abilitata illi taċċetta dan it-tip ta' applikazzjonijiet.

Għaldaqstnat il-mittenti qed iżommukom responsabbli in solidum u jħeġġukom sabiex tirrifondu minnufih l-ammont totali ta' €11,325 fi żmien sebat (7) ijiem mid-data ta' din l-ittra.

Fin-nuqqas tal-ħlas fiż-żmien stipulat, il-mittenti se jipproċedu immedjatament fil-konfront tagħkom skont il-liġi, mingħajr preavviż ulterjuri.

Tant sabiex tkunu ggwidati kif xieraq u tkunu tafu tirregolaw ruħkom.

Bl-ispejjeż legali u bl-imgħax bl-ogħla rata kummerċjali sad-data tal-pagament effettiv.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 6 ta' Marzu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

obligations, given that the company, with foreign shareholders is not even authorized to accept such applications.

Therefore, the interpellants hold you jointly liable and urge you to reimburse the total amount of €11,325 within a period of seven (7) days from the date of this letter.

In the event of non-payment within the stipulated time, the interpellants will proceed immediately with legal action against you in accordance with the law without further notice.

This so that you are guided accordingly and know how to regulate yourselves.

With legal costs and at the highest commercial rate until the date of actual payment.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 6th March, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

664

Permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Jannar, 2026, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4245/2025, fl-ismijiet Gordon's Moto Dealer vs Nazzareno Camilleri, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Nazzareno Camilleri a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum, 18 ta' Diċembru, 2025

Lil Nazzareno Camilleri (KI 73770M) ta' Renrit, Sqaq Bursett, Ħaż-Żabbar

Permezz tal-preżenti ittra uffiċjali, Gordon's Moto Dealer (C31490) ta' Valley Road, Birkirkara, tinterpellak sabiex fi żmien ħamest (5) ijiem mid-data tan-notifika ta' din l-ittra uffiċjali tħallasha s-somma ta' €950.00 ammont rappreżentant il-bilanċ pendenti u minnek dovut inkonnessjoni tal-bejgħ lilek ta' mutur tal-għamla KYMCO Skytown 1251 bin-numru ta' reġistrazzjoni LAT 551 fil-15 ta' Jannar, 2025, u liema ammont għadu sal-lum ma tħallasx minkejja diversi interpellazzjonijiet lilek magħmula u dan oltre l-ispejjeż tal-preżenti ittra uffiċjali u spejjeż oħra li setgħu ġew dovuti u oltre l-imgħax legali kkalkolat sad-data tal-pagament effettiv.

Is-soċjetà mittenti tinfurmak illi f'każ illi t-terminu lilek mogħti jgħaddi inutilment, hi ma jkollha ebda aternattiva

By means of a decree of the 22nd January, 2026, in the records of the judicial letter number 4245/2025, in the names Gordon's Moto Dealer vs Nazzareno Camilleri, the Court of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Nazzareno Camilleri in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 18th December, 2025

To Nazzareno Camilleri (ID 73770M) of Renrit, Sqaq Bursett, Ħaż-Żabbar

By means of this present judicial letter, Gordon's Moto Dealer (C31490) of Valley Road, Birkirkara, calls upon you so that within five (5) days from the date of service of this judicial letter you pay the sum of €950.00 amount representing the balance due by you in connection with the sale to you of a motorcycle of the make KYMCO Skytown 1251, with registration number LAT 551 on the 15th January, 2025, and which amount has not yet been paid despite several solicitations made to you, and this besides the costs of this present judicial letter, and other costs that may be due, and besides the legal interest calculated till the date of effective payment.

The interpellant company informs you that in case the time given to you passes uselessly, it will have no alternative

oħra ħlief illi tipproċedi fil-konfront tiegħek mingħajr ebda preavviż ieħor u dan bil-mezzi kollha li trid il-liġi.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek u sabiex jiġu evitati spejjeż u proċeduri inutili.

Bl-ispejjeż u interessi legali

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 6 ta' Marzu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

but to proceed against you without further notice and by all the means permitted by law.

So much so that you may know how to regulate yourself and to avoid useless costs and procedures.

With costs and legal interest

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 6th March, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

665

Ikun jaf kulħadd illi permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Diċembru, 2025, mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (Għawdex), fl-atti tal-avviż numru CCT G18/2025 MS fl-ismijiet 'Aaronne Farrugia Attard versus Noel Borg' ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' estratt tal-istess avviż, kif riprodott hawn taħt, u dan sabiex iservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Noel Borg bl-indirizz 68, Alley off, Triq Ta' Said, Triq Dun Ġorġ Preca, In-Nadur, Għawdex, u Flat 8, Block G, Triq Taċ-Ċawla, Ir-Rabat, Għawdex, u dan ai termini tal-artiklu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (Għawdex)

Avviż numru CCT G18/2025/MS fl-ismijiet:

Aaronne Farrugia Attard vs Noel Borg

Permezz ta' dan l-avviż ir-rikorrenti Aaronne Farrugia Attard ippremetta illi:

It-18 ta' Awwissu, 2025

Suġġett: Dettalji tal-każ

Introduzzjoni

Jiena, qed inressaq dan ir-rapport quddiem it-Tribunal fir-rigward ta' tilwima mas-Sur Noel Borg dwar kuntratt għal xogħlijiet ta' finitura turnkey fil-proprjetà tiegħi, Penthouse 9, The Stowe, Triq San Pawl, Ix-Xewkija. L-intimat ġie fdat sabiex jagħmel il-full finishing tal-unit bi kwotazzjoni miftehma ta' €32,976.60 eskluża l-VAT. Saru ħlasijiet sostanzjali bil-quddiem lill-intimat, iżda minkejja dawn il-ħlasijiet ix-xogħlijiet ma tlestewx, il-proprjetà tħalliet esposta u difettuża, u fl-aħħar il-kuntratt ġie abbandunat.

Ftehim u ħlasijiet kuntrattwali

F'Lulju tal-2024, l-intimat ħareġ kwotazzjoni għax-xogħlijiet ta' finishing, li jien aċċettajt. Bejn l-4 ta' Lulju,

It is hereby notified that by virtue of a decree given on 11th of December, 2025, by the Consumer Claims Tribunal (Gozo), in the acts of notice number CCT G18/2025/MS in names 'Aaronne Farrugia Attard versus Noel Borg' the publication of an extract of the said notice, as reproduced below, was ordered to serve as a notification with respect the respondent Noel Borg with the address 68, Alley off, Triq Ta' Said, Triq Dun Ġorġ Preca, Nadur, Gozo, and Flat 8, Block G, Triq Taċ-Ċawla, Victoria, Gozo, and this in terms of article 187(3) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

In the Consumer Claims Tribunal (Gozo),

Notice number CCT G18/2025/MS in names:

Aaronne Farrugia Attard vs Noel Borg

By means of this notice the claimant Aaronne Farrugia Attard premised that:

18th August, 2025

Subject: Case details

Introduction

I, am submitting this report to the Tribunal in relation to a dispute with Mr. Noel Borg concerning a contract for turnkey finishing works at my property, Penthouse 9, The Stowe, Triq San Pawl, Xewkija. The respondent was entrusted with carrying out the full finishing of the unit against an agreed quotation of €32,976.60 excluding VAT. Substantial advance payments were made to the respondent, but despite these payments the works were not completed, the property was left exposed and defective, and ultimately the contract was abondoned.

Contractual agreements and payments

In July 2024, the respondent issued a quotation for the finishing works, which I accepted. Between 4 July 2024 and

2024 u l-15 ta' Lulju, 2024, ħallastu total ta' €14,000 bi trasferiment fil-kont tiegħu tal-APS Bank, pagabbli lilu nnifsu u lil martu. Dawn kienu jikkonsistu f'€4,000 fl-4 ta' Lulju u żewġ pagamenti oħra ta' €5,000 kull wieħed fil-15 ta' Lulju. Minkejja t-talbiet ripetuti tiegħi, qatt ma nħarġu rċevuti għal dawn il-pagamenti.

Xogħlijiet esegwiti u nuqqasijiet

Il-kuntrattur beda x-xogħol f'Lulju 2024, fejn għamel xi trinek għall-conduits tal-elettriku u tikħil parzjali. Sa Diċembru tal-2024, il-progress kien diġà wieqaf, u diversi nħawi tal-propjetà baqgħu mhux kompluti, fosthom it-taraġ kollu, kamra waħda, u l-basement garage. Barra minn hekk, l-installazzjonijiet elettriċi u l-wajers ma tlestewx. Ikkuntattjajt lill-kuntrattur f'diversi okkażjonijiet, iżda hu ma weġibx it-telefonati tiegħi u ma tanix raġuni valida għaliex waqfu x-xogħlijiet.

Sadanittant, l-iżviluppatur tal-blokk kien qed jiġri warajja biex inlesti t-terrazzini ladarba l-ilma tax-xita kien qed jipperkola fil-proprjetajiet sottostanti. Nonostante l-fatt li kkuntattjajt lis-Sur Noel Borg b'urġenza f'diversi okkażjonijiet biex jiġi stallat il-waterfproofing membrane fuq it-terrazzini, dan qatt ma sar, u ġejt kostrett li nqabbad kuntrattur ieħor biex jagħmel tali xogħol.

Wara diversi tentattivi ripetuti biex jikkonvinċu lill-kuntrattur biex jipproċedi bix-xogħlijiet, fi Frar 2025, bdew ix-xogħlijiet ta' tqegħid ta' madum, iżda dawn ukoll tħallew mhux kompluti. Filwaqt li tpoġġa l-madum tal-art, iz-zokklatura u l-grouting qatt ma saru. Il-madum tal-pavimentar tat-taraġ ukoll tpoġġa ħażin u jeħtieġ li jinbidel. Dan se jidħol fi spiża żejda ta' €150.

Konsegwenza sinifikanti tad-dewmien tal-kuntrattur kienet li l-kuntrattur tal-aperturi ma setax ikejjel, jimmanifattura, u jinstalla l-aperturi ta' barra fil-ħin. L-appartamenti l-oħra kollha kellhom l-aperturi istallati filwaqt li l-proprjetà tiegħi baqgħet miftuħa għall-elementi. Is-Sur Borg lanqas biss iddejjaq meta fakkartu li kont marbut kuntrattwalment li nwaħħal l-aperturi f'terminu ta' żmien u li kont qed nirriskja li niġi mmultat. Minħabba li l-aperturi għall-faċċati u l-btieħi interni tħallew miftuħin, l-ilma tax-xita ipperkola fil-proprjetà. L-iskular ikkawża ħsara fit-tikħil tal-gypsum f'diversi postijiet. Jien se jkolli nagħmel xogħlijiet ta' tiswija biex din il-ħsara tiġi rimedjata bi spiża żejda ta' €900.

Barra minn hekk, kont tlabt lis-Sur Noel Borg ilesti l-garaxx ta' taħt peress li ma stajtx nordna l-bieb tal-garaxx, u l-ispazju kien qed jimtela biż-żibel. Wara li l-proġett ġie abbandunat, tħalla wkoll terrapien ta' kostruzzjoni ġewwa l-propjetà. Għalkemm it-tneħħija taż-żibel kienet inkluża fil-kwotazzjoni oriġinali, issa rrid ninkorri spiża addizzjonali ta' €200.

15 July 2024, I paid him a total of €14,000 by transfer into his APS Bank account, payable to himself and his wife. These consisted of €4,000 on 4th July and two further payments of €5,000 each on 15th July. Despite my repeated requests, no receipts were ever issued for these payments.

Works executed and failures

The contractor commenced work in July 2024, carrying out some trenching for electrical conduits and partial plastering. By December 2024, progress had already stalled, and several areas of the property remained unrendered, including the entire stairwell, one room, and the basement garage. Also, electrical installations and wiring were not completed. I contacted the contractor on numerous occasions, but he rejected my calls and did not provide a valid reason for the stop works.

In the meantime, I was being chased by the block developer to finish off the terraces since rainwater was percolating into the underlying properties. Notwithstanding the fact that I contacted Mr Noel Borg with urgency on various occasions to install the waterfproofing membrane on the terraces, this was never done, and I was forced to assign another contractor to perform such work.

After several repeated attempts to convince the contractor to proceed with the works, in February 2025, tiling works commenced, but these too were left incomplete. While the floor tiles were laid, the skirting and grouting were never carried out. The stairwell flooring tiles were also wrongly laid and need to be replaced. This will incur an extra cost of €150.

A significant consequence of the contractor's delays was that the apertures contractor was unable to measure, fabricate, and install the external apertures in time. All other apertments had the apertures installed while my property remained open to the elements. Mr Borg did not even bother when I reminded him that I was contractually bound to install the apertures within a time frame and that I risked being fined. Because apertures to the facades and internal yards were left open, rainwater percolated into the property. The infiltration caused damage to the gypsum plastering in several locations. I am obliged to undertake repair works to remedy this damage at an extra cost of €900.

Additionally, I had asked Mr. Noel Borg to render the underlying garage since I was unable to order the garage door, and the space was being filled with rubbish. After the project was abandoned, construction debris was also left inside the property. Although rubbish removal was included in the original quote, I now have to bear an additional cost of €200.

Huwa rilevanti wkoll li jiġi innotat li partijiet kbar tax-xogħlijiet espressament inklużi fil-kwotazzjoni qatt ma twettqu. Dawn jinkludu l-madum tal-art u ħajt tal-kamra tal-banju, installazzjoni ta' oġġetti sanitarji, membrane tas-saqaf, katusi tal-ilma tax-xita, u s-sistema tal-provvista tal-ilma. Dawn l-oġġetti jirrappreżentaw partijiet essenzjali tal-pakkett turnkey iżda tħallew barra kompletament.

Terminazzjoni tal-ftehim

Fis-17 ta' April, 2025, bgħatt avviż formali bil-miktub lill-kuntrattur li kien jobbligah jerġa' jibda x-xogħlijiet sat-2 ta' Mejju, 2025, u li jlesti l-proġett kollu sas-16 ta' Ġunju, 2025. Minkejja dan l-avviż, ma tkomplew l-ebda xogħlijiet, u l-kuntrattur ma għamel ebda kuntatt miegħi. Fl-10 ta' Ġunju, 2025, wara ġimgħat oħra ta' inattività u skiet, bgħatt it-tieni avviż fejn iddikjarajt il-kuntratt abbandunat u formalment mitmum. Fil-komunikat finali li kellna, martu, is-Sinjura Annalisa Borg, qablet li għandna nitterminaw ix-xogħlijiet u stajt nagħti t-tlestija tax-xogħlijiet lil terzi.

Valutazzjoni ta' xogħlijiet lesti

Wara li sar valutazzjoni, il-valur tax-xogħlijiet li saru mill-kuntrattur ġie kkalkulat għal €7,946.95. Din is-somma hija ferm inqas mill-€14,000 li kont diġà ħallast. Fuq din il-bażi, il-ħlas żejjed dovut għar-rifużjoni jammonta għal €6,053.05. Sabiex nindaga jekk jaqbilx ma' tali rifużjoni, ikkuntattjajt lil Noel Borg f'diversi okkażjonijiet fuq in-numri tat-telefown ċellulari tiegħu (b'telefonati u messaġġi) u WhatsApp, iżda l-messaġġi tiegħi baqgħu bla tweġiba, u t-telefonati jew ma ngħatawx tweġiba għalihom jew ġew rifjutati.

Danni

Id-danni mġarrba minħabba l-ksur tal-intimat huma stabbiliti hawn taħt:

Rifużjoni ta' depożitu żejjed imħallas: €6,053.05

Spiża għal tiswijiet ta' tikħil minħabba dħul ta' ilma: €900.00

